**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 dwar punt imqajjem mill-Onorevoli Marthese Portelli dwar il-mistoqsija parlamentari 11113 fis-Seduta 190 tat-22 ta' Ottubru 2014**

Fis-seduta numru 190 tat-22 ta' Ottubru 2014 l-Onor. Marthese Portelli ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għat-tweġiba li ngħatat mill-Ministru Konrad Mizzi għall-mistoqsija parlamentari tagħha numru 11113 dwar *meters* tad-dawl temporanji li l-għaliha l-Ministru wieġeb biss li l-informazzjoni mitluba hija pubblika.

**METERS TAD-DAWL TEMPORANJI**

**11113. L-ONOR. MARTHESE PORTELLI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-prassi dwar il-*meters* tad-dawl temporanji li jitwaħħlu għall-użu f'xi okkażjoni ta' xi festa jew attività li ssir fuq barra? Jista' jgħid fejn wieħed għandu japplika u kemm-il ġurnata qabel irid japplika? U jekk japplika aktar tard minn xi data stipulata hemm xi ħlas addizzjonali li jkun irid jitħallas? Kemm-il *meter* jista' bejjiegħ/sid ta' Gabbana/*stall* ikollu fuq ismu?

06/10/2014

**ONOR. KONRAD MIZZI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija pubblika.

Hija qalet li dan mhuwiex il-mod ta' kif Ministru għandu jwieġeb mistoqsija parlamentari u għaldaqstant talbet l-intervent tas-Sedja.

Nibda biex ngħid li minn eżami li għamlet is-Sedja joħroġ li din mhix l-ewwel darba li mistoqsijiet parlamentari ġew imwieġba b'dan il-mod.

| **L-Għaxar Leġiżlatura** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **PQ Number** | **Seduta** | **Data** | **Membru** | **Ministru** | **Ministeru** |
| 2809 | 70 | 04/12/2003 | Carmelo Abela | Louis Galea | Ministeru għall-Edukazzjoni |
| 5484 | 128 | 11/05/2004 | Noel Farrugia | George Pullicino | Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent |
| 11858 | 264 | 09/05/2005 | Adrian Vassallo | Lawrence Gonzi | Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi |
| 18653 | 379 | 02/05/2006 | Joseph | George | Ministeru għall- |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Cuschieri | Pullicino | Affarijiet Rurali u Ambjent |
| 27597 | 557 | 01/10/2007 | Anġlu Farrugia | George Pullicino | Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent |

| Il-Ħdax-il Leġiżlatura | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **PQ Number** | **Seduta** | **Data** | **Membru** | **Ministru** | **Ministeru** |
| 6213 | 87 | 03/03/2009 | Charles Buhagiar | George Pullicino | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali |
| 10600 | 143 | 30/09/2009 | Carmelo Abela | George Pullicino | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali |
| 11983 | 156 | 09/11/2009 | Anton Refalo | Giovanna Debono | Ministeru għal Għawdex |
| 13423 | 182 | 19/01/2010 | Leo Brincat | George Pullicino | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali |
| 26077 | 347 | 17/05/2011 | Philip Mifsud | Austin Gatt | Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni |

| It-Tnax-il Leġiżlatura | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **PQ Number** | **Seduta** | **Data** | **Membru** | **Ministru** | **Ministeru** |
| 10076 | 171 | 02/07/2014 | Claudio Grech | Konrad Mizzi | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |

Is-Sedja nnotat ukoll li l-informazzjoni li qed jirreferi għaliha l-Ministru Konrad Mizzi tista' tinkiseb minn fuq is-sit elettroniku tal-Automated Revenue Management Services (ARMS Ltd) kif ukoll mill-uffiċini tal-istess kumpanija u dan peress li l-informazzjoni hija pubblika.

Il-kwestjoni ta' tweġibiet parlamentari ġiet ittrattata diversi drabi mis-Sedja anke meta kienet diversament preseduta. Is-Sedja ssemmi, pereżempju, ir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Louis Galea f'Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 li ttratta din il-materja f'ċertu dettall, fejn huwa korrettement irrimarka li filwaqt li l-Ordnijiet Permanenti tagħna jirregolaw f'ċertu dettall l-għemil ta' interpellanzi, huma għal kollox siekta dwar it-tweġibiet dovuti u dan f'kull okkażjoni wassal lis-Sedja biex tirritjeni li hi ma kellha l-ebda mansjoni fuq it-tweġibiet li jagħtu l-Ministri għall-mistoqsijiet parlamentari.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq ukoll tirreferi għar *ruling* li tat il-ġimgħa l-oħra fejn fakkret dak li ntqal minn diversi Speakers preċedenti dwar x'inhuwa l-poter tagħha fejn tidħol il-preżentazzjoni ta' dokumenti fil-Kamra li abbażi tal-Ordni Permanenti 197 irrikorrew għal dak li jgħid l-Erskine May (24 edizzjoni)  f'paġna 447 u ċjoè:

> "*It is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members.*"

Is-Sedja hawnhekk se terġa' tagħmel referenza għar-*ruling* ċitat hawn fuq mogħti mill-Ispeaker Louis Galea meta dan tkellem dwar risposti li jirreferu lil Membru għal informazzjoni f'dokument ippubblikat jew fuq sit elettroniku rilevanti għall-mistoqsija, u nikkwota:

> "Fil-prattika tal-House of Commons mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub ġieli jkunu mwieġba billi l-Membru jiġi riferut għal xi dokument ippubblikat, sew jekk diġà mqiegħed fuq il-Mejda u sew jekk le. Però huwa rikonoxxut li anke fejn it-tagħrif mitlub huwa aċċessibbli xi mkien ieħor, id-dipartimenti tal-gvern huma mistennija li jgħinu kemm jistgħu biex il-Membri jkollhom tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom."

Ta' min wieħed jinnota li dan qiegħed isir f'Parlament fejn ir-regoli tiegħu jipprekludu milli ssir talba għal informazzjoni li hija diġà pubblika u hawn nikkwota minn paġna 362 tal-Erskine May (24 Edizzjoni):

> "*Moreover, questions requiring information set forth in accessible documents (such as statutes, treaties etc), have not been allowed when the Member concerned could obtain the information of his own accord without difficulty.*"

Għaldaqstant, is-Sedja, filwaqt illi ssotni illi ma għandha l-ebda mansjoni fuq kif Ministri jwieġbu mistoqsijiet parlamentari, ittenni l-appell li sar drabi oħra mis-Sedja u ċjoè li Ministru għandu jitlob lid-dipartimenti jew aġenziji li jaqgħu taħtu li jirrikorru għal dawn it-tipi ta' tweġibiet biss meta jkun ġustifikat u li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Membru Parlamentari għandu dejjem jiġi pprovdut b'direzzjoni dwar kif ikun jista' jasal hu għal dik l-informazzjoni pubblika rikjesta.

Jiena qed nifhem li dan id-dokument se jitqiegħed fis-seduta tal-lum stess.